# QORTI CIVILI - PRIM'AWLA

**IMHALLEF**

**ONOR. DR JOANNE VELLA CUSCHIERI**
**B.A., MAG. JUR. (EUR. LAW.), LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 12 ta' Dicembru 2019**

**Kawza Numru: 28**

**Rikors Ġuramentat Numru:- 930/2019 JVC**

**Carmela Scicluna**

**vs**

**Id-Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Guramentat fejn ir-rikorrenti Carmela Scicluna kkonfermat bil-gurament u talbet kif isegwi:

1. Illi l-esponenti twieldet fl-ewwel (01) ta' Jannar tas-sena elf disa' mija tlieta u sebghin (1973) u giet registrata bl-isem ta' "Carmela Scicluna", u dana hekk kif jidher mill-att tat-twelid taghha li kopja tieghu qed tigi annessa u mmarkata

bhala **Dokument CS1,** numru tlieta tlieta zero (330) tas-sena elf disa' mija tlieta u sebghin (1973);

2. Illi minn twelidha l-esponenti ghalkemm registrata bl-isem "Carmela" dejjem kienet tissejjah bl-isem "Caroline", u dan l-isem intuza fil-konfront taghha mhux biss mill-familjarji taghha izda anki minn konnoxxenti taghha u sahansitra minn awtoritajiet u azjendi;

3. Illi kif ser jirrizulta waqt is-smigh tal-kawza l-esponenti kienet u ghadha konsistentement tissejjah bl-isem "Caroline" u mhux bl-isem "Carmela", u ghaldaqstant qed tintavola dawn il-proceduri ai termini ta' l-artikolu mitejn tlieta u hamsin (253) sub-artikoli tnejn u tlieta (2), (3) tal-Kapitolu sittax (16) tal-Ligijiet ta' Malta;

4. Illi r-rikorrenti hija maghrufa bl-isem "Caroline" u dan kif jirrizulta mid-dokumenti esebiti u mmarkati bhala **Dokument CS2** sa **Dokument CS8;**

5. Illi l-esponenti tixtieq li mhux biss tkun maghrufa bhala "Caroline"min-nies li jafuha izda tkun ufficcjalment maghrufa bhala "Caroline" anke fuq id-dokumenti pubblici;

Ghaldaqstant in vista tas-suespost l-esponenti titlob bir-rispett illi, prevja kull dikjarazzjoni ohra:

1. Jigi ddikjarat illi l-esponenti konsistentement kienet u ghadha tissejjah bl-isem "Caroline" minflok bl-isem li jidher fl-att tat-twelid taghha u cioe' "Carmela";

2. Tordna illi ai termini ta' l-artikolu mitejn tlieta u hamsin (253) tal-Kapitolu sittax (16) tal-Ligijiet ta' Malta, isir tibdil fl-att tat-twelid tal-esponenti fis-sens illi din tigi registratha bl-isem "Caroline" minflok "Carmela";

3. Tordna illi ai termini ta' l-artikolu mitejn tlieta u hamsin (253) sub-artikolu tlieta (3) tal-Kapitolu sittax (16) tal-Ligijiet ta' Malta it-tibdil effettwat fl-att tat-twelid ta' l-esponenti bir-registrazzjoni msemmija aktar 'l fuq jigi rifless f'kull att iehor.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li minn issa jibqa' ingunt ghas-subizzjoni tieghu.

Rat ir-Risposta Guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku kif isegwi:

1. Illi ghal dak li jikkoncerna mal-mertu tal-kawza, l-esponent jistqarr illi ma huwiex edott mill-fatti kif gew iddikjarati fir-rikors guramentat;

2. Illi l-esponent umilment jirrileva illi ghat-talbiet kif dedotti huwa jirrimetti ruhu ghall-ghaqli u s-savju gudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti, salv pero' li l-provi migjuba jkunu l-ahjar u sodisfacenti f'ghajnen il-ligi u dan sabiex tkun imsahha l-pozizzjoni tar-rikorrenti u cioe' illi tul hajjitha hija kienet konsistentament msejha bhala 'Caroline ' u mhux 'Carmela';

3. Illi bla hsara ghal fuq espost, l-esponent jeccepixxi illi r-Registru Pubbliku m'ghandux jinzamm responsabbli ta' din id-diskrepanza fl-isem tar-rikorrenti stante li fil-kaz *de quo*, fuq l-Att tat-Twelid in kwistjoni, hawn anness u mmarkat bhala 'Dok. DRP 1', l-informazzjoni inserita kienet iddikjarata u kkonfermata minn missier ir-rikorrenti. Ghaldaqstant, dan juri bic-car illi fil-kaz odjern ma jirrizultax illi kien sar xi nuqqas min-naha tar-Registru Pubbliku u b'hekk l-esponent ma ghandux ibati l-ispejjez tal-proceduri istanti;

4. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti li qieghda tigi ingunta in subizzjoni.

Rat illi saret id-debita publikazzjoni skont il-Ligi;

Rat partikolarment id-dokumentazzjoni annessa mar-rikors guramentat illi lkoll tevidenzja l-pretensjonijiet tar-rikorrenti l i hija ilha maghrufa bl-isem Caroline sa minn meta kienet ghadha zghira, anki wkoll minn diversi istituzzjonijiet;

Rat l-affidavits esebiti llum fejn l-istess rikorrenti u kif ukoll il-genituri taghha, familjai u hbieb taghha lkoll ikkonfermaw li hija maghrufa bl-isem ta' Caroline.

In vista ta' dan kollu l-Qorti tqis illi t-talbiet tar-rikorrenti huma gustifikati u jisthoqq li jigu milqugha;

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti tghaddi sabiex tilqa' t-talbiet attrici kif isegwi;

**Decizjoni**

(1) Tilqa' l-ewwel talba u tiddikkjara illi l-esponenti konsistentement kienet u ghadha tissejjah bl-isem Caroline, minflok bl-isem li jidher fl-att tat-twelid taghha u cioe' Carmela;

(2) Tilqa' t-tieni talba u tordna li ai termini tal-Artikolu 253 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta, isir tibdil fl-att tat-twelid tal-esponenti bin-numru 330 tas-sena 1973 fis-sens illi din tigi registrata bl-isem ta' 'Caroline' minflok 'Carmela';

(3) Tilqa' t-tielet talba u tordna illi ai termini ta' l-artikolu mitejn tlieta u hamsin (253) sub-artikolu tlieta (3) tal-Kapitolu sottax (16) tal-Ligijiet ta' Malta t-tibdil effettwat fl-att tat-twelid ta' l-esponenti bir-registrazzjoni msemmija aktar ' fuq jigi rifless f'kull att iehor fil-poter tad-Direttur intimat.

Tordna li d-Direttur tar-Registru Pubbliku jigi nnotifikat b'kopja tas-sentenza ta' din il-Qorti u dan skont l-artikolu 256 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**B.A., Mag. Jur. (EUR.LAW), LL.D.**
**12 ta' Dicembru 2019**

**Karen Falzon**
**Deputat Registratur**
**12 ta' Dicembru 2019**